Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

It-Tlieta 12 ta' Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

ASSENTI:

Horace Gauci – Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 67.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 67.1.1 | Is-Sur Horace Gauci bagħat ittra ta' apoloġija lill-Kunsill sabiex jiġi skużat mil-laqgħa tal-lum 12 ta' Frar 2019 għar-raġuni li ma setax jattendi minħabba ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom. Il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni. |
| 67.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 67.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 66 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 67.2.2 | Is-Sur Daniel Zerafa ippropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduta 66, li ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| *Is Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li fl-assenza tiegħu s-Sindku ta permess sabiex il-komunikazzjonijiet tiegħu jiġu moqrija waqt il-laqgħa.* | |
| 67.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 67.3.1 | Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li nhar is-17 ta' Jannar 2019, is-Sindku flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sur Daniel Zerafa u s-Sa Emma Vella kien attenda laqgħa man-*Nature Trust Malta* fejn ġie diskuss il-Ballut f'Marsaxlokk. *Nature Trust Malta* kellha terġa' tiltaqa' mal-Kunsill Lokali sabiex tippreżenta aktar dettalji dwar il-*Management Plan* li ġie iffirmat riċentement, u dan għaliex il-Kunsill ma kellu l-ebda informazzjoni. |
| 67.3.2 | Il-Kunsilliera ġew infurmati li nhar it-22 ta' Jannar 2019 is-Sindku attenda Seduta tar-Reġjun Xlokk fejn ġew diskussa materji varji. |
| 67.3.3 | Il-Kunsilliera ġew infurmati li nhar it-23 ta' Jannar 2019 is-Sindku flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella kien attenda laqgħa mal-Perita sabiex tiġi diskussa l-binja l-ġdida tal Kunsill Lokali, bħal dettalji ta' kmamar u l-għażla ta' sit. Waqt il-laqgħa ġie diskuss li l-Perita se tkun qed tħejji rapport żgħir dwar l-aħjar għażla ta' sit sabiex ikun bażi għad-diskussjoni mal-Gvern Ċentrali dwar ir-rilaxx tal-art għall-binja l-ġdida tal-Kunsill Lokali. |
| 67.3.4 | Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li nhar l-24 ta' Jannar 2019 flimkien mas-Sur Daniel Zerafa u s-Sa Emma Vella, is-SIndku kien attenda laqgħa ma' imprenditur Malti/Sqalli fejn l-imprenditur qasam il-ħsieb tiegħu li jinvesti f'tip ta' 30 P.O. Boxes madwar Malta, li jkunu jirċievu fihom pakketti u xirjiet tal-ikel, u kellu l-ħsieb li jinvesti l-ewwel f'Marsaxlokk. Is-Sindku informa lill-imprenditur li għalkemm il-Kunsill jaqbel ma' din l-idea, ma kellux art għal dan il-proġett u allura issuġġerixxa li kellu jkellem lill-Awtorità tal-Artijiet u lill-Gvern Ċentrali. |
| 67.3.5 | Il-Kunsilliera gew infurmati li nhar il-25 ta' Jannar 2019 is-Sindku attenda *Seminar* għall-Kunsill Lokali fejn kien hemm preżenti is-Segretarju Parlamentari u s-Segretarju Permanenti Ewlieni flimkien ma' diversi entitajiet tal-Gvern sabiex jaraw kif tista' titjieb il-ħidma u l-koperazzjoni bejn il-Kunsilli u l-imsemmija entitajiet. |

| | |
|---|---|
| 67.3.6 | Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li nhar it-28 ta' Jannar 2019 is-Sindku flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sur Daniel Zerafa kien attenda laqgħa ma' TM fejn ġew diskussa materji varji li huma: il-Proġett ta' Triq it-Trunċiera għal Triq il-Kavallerizza (fejn il-pjanta finali għad trid tiġi mibgħuta), diversi *road markings* ġodda bħal fi Triq il-Port Ruman, *One Way* fil-parti ta' fuq ta' Triq iż-Żejtun u rotta ċirkolari minn Triq iċ-Ċippi, ftugħ u għoti ta' asfalt fi Triq it-8 ta' Mejju, *road markings* u tabelli ġodda fi Triq Barthelemy (peress li t-triq infetħet ġdida), permessi għal *U-Channels* kif ukoll permessi għal *Disabled Reserved Parking Bays*. |
| 67.3.7 | Il-Kunsilliera ġew infurmati li nhar il-31 ta' Jannar 2019 flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella, is-Sindku kien attenda laqgħa mal-Perita sabiex tiġi diskussa l-applikazzjoni PC/12/17 li tista' tinkludi ċ-Ċentru Edukattiv ta' Triq l-Arżnell. |
| 67.3.8 | Il-Kunsillliera preżenti ġew infurmati li nhar l-1 ta' Frar 2019 is-Sindku flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella kien attenda laqgħa mal-Koperattivi tas-Sajjieda fejn ġiet diskussa l-*Bye-Law* tal-Iskalien, sabiex tingħata l-informazzjoni lill-Avukat li hejja l-istess *Bye*-Law. Fl-istess laqgħa, il-Koperattivi talbu wkoll għal laqgħa ma' Projects Plus dwar il-Pjanta tal-Magħluq u l-Kunsill diġà ressaq din it-talba. |
| 67.3.9 | Il-Kunsillliera preżenti ġew infurmati li nhar l-1 ta' Frar 2019 is-Sindku flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella kien attenda laqgħa mal-Awtorità tal-Artijiet, l-Awtorità tal-Ippjanar, l-MTA u mal-Pulizija rigward is-sitwazzjoni preżenti tal-ħruġ ta' ħafna imwejjed u siġġijiet li l-Kunsill ilu jisħaq dwarha. Permezz ta' din il-laqgħa, il-Kunsill Lokali ġie infurmat li l-LA se jħejju rapport dwar min għandu *encroachment* f'Marsaxlokk. Il-PA infurmaw lill-Kunsill li tlitt (3) ristoranti biss għandhom il-permessi maħruġa riċenti u skont il-liġi. Min-naħa tagħhom, l-MTA infurmaw lill-Kunsill li d-daqs tal-kċina għadu jgħodd għal kemm suppost jinħarġu c*overs.*<br><br>Il-Kunsill issa irid jibda jibgħat għal kull ristorant u jitolbu kopja ta' kull permess li għandu filwaqt li jkomplu jsiru diskussjonijiet sabiex eventwalment il-*Master Plan* jidħol fis-seħħ. |
| 67.3.10 | Il-Kunsilliera ġew infurmati li nhar il-5 ta' Frar 2019 is-Sindku flimkien mas-Sur Steven Grech kien attenda laqgħa mal-MTA rigward il-Bajja tal-Magħluq, fejn ġie diskuss kif l-Awtorità ser tgħin lill-Kunsill Lokali sabiex titħejja pjanta u *BOQ* biex mad-dawra tal-baħar tal-Magħluq fejn hemm tlitt (3) filati u *bricks* sofor tinbena kollha bil-konkos sabiex ir-ramel ma jibqax jitla' mill-Port u jispiċċa depożitat fil-Magħluq. Ġie diskuss ukoll li matul id-dawra, fil-konkos ser jiġu mgħoddija pajpijiet sabiex il-*Fisheries* u IM ikunu jistgħu jgħaddu s-servizzi minn ġo fihom għal fuq il-pontoons u l-madwar. |
| 67.3.11 | Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li nhar is-6 ta' Frar 2019 is-Sindku flimkien mas-Sa Emma Vella u l-Perit kien attenda laqgħa mal-Perit tal-UIF rigward il-proġett ta' Ġnien il-Familja, fejn il-Kunsill ġie infurmat li finanzjarment hu eleġibbli għall-finanzjament ta' 100% tal-proġett.<br><br>Fl-istess laqgħa ġie diskuss ukoll il-proġett tal-fanali tal-Pjazza Madonna ta' Pompei u l-Kunsill intalab li jġib kjarifika dwar il-lampi LED bil-*cut off* mingħand il-Perit u l-Kuntrattur konċernat. |

| | |
|---|---|
| 67.3.12 | Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li nhar is-6 ta' Frar 2019 is-Sindku flimkien mas-Sa Janice Chetcuti u s-Sa Emma Vella kien attenda laqgħa ma' *Nature Trust Malta* u l-ERA rigward il-Ballut f'Marsaxlokk. *Nature Trust Malta* infurmat lill-Kunsill li dan tal-aħħar mhux se jkun qed joħroġ l-ebda fondi għall-*Management Plan* tal-Ballut u se jkun qed jinżamm infurmat dwar kull żvilupp, filwaqt li se jkun inkluż ukoll f'kull laqgħa li jista' jkun hemm fir-rigward. Wara l-laqgħa, is-Sindku u s-Sa Janie Chetcuti għamlu *site-visit* flimkien mar-rappreżentanti tan-*Nature Trust Malta* u l-ERA. |
| *Il-ħin huwa l-16:45 u s-Sur Stephen Caruana ħareġ mil-laqgħa tal-Kunsill.* | |
| 67.3.13 | Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li nhar is-7 ta' Frar 2019 flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sur Daniel Zerafa, is-Sa Emma Vella u l-Perita, is-Sindku kien attenda għal laqgħa mal-*Case Officer* tal-PA rigward l-applikazzjoni PC/12/17, sabiex il-Kunsill ikun infurmat kif ser tiġi affettwata l-Binja taċ-Ċentru Edukattiv fi Triq l-Arżnell. Is-Sindku ikkomunika li l-Kunsill kien diġà approva din l-applikazzjoni imma dakinhar ma kienx ra pjanti u dokumenti. Għaldaqstant il-Perita, f'isem il-Kunsill Lokali, għaddiet komunikat lill-PA sabiex dakinhar tas-smiegħ tal-applikazzjoni, li kellu jinżamm fid-19 ta' Frar 2019, il-Kunsill ikun jista' jressaq il-veduti tiegħu. |
| 67.3.14 | Il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li nhar il-11 ta' Frar 2019 flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella, is-Sindku kien attenda għal laqgħa ma' rappreżentant tal-Ministeru tal-Infrastruttura fejn ġie diskuss l-għoti ta' *cold asphalt* fl-inħawi tal-Maghluq u fi Triq Xrobb l-Għaġin. Waqt il-laqgħa ġie miftiehem li l-istimi u l-ordni kellhom jiġu komunikati dejjem mas-Segretarju Eżekuttiv. |
| 67.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 67.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-pjanta ta' fejn il-*pitch* tal-*Waterpolo*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-kuntrattur konċernat kellu jistaqsi lil TM sabiex issir *sleeping police* u l-Kunsill kellu japprova favur. |
| 67.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-qsari tad-Djar tas-Sajjieda?" Is-Sur Steven Grech ippreżenta tlitt (3) kwotazzjonijiet tal-qsari u wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill kellu jixtri dawn il-qsari mill-għotja tal-Wasteserv, kif ukoll kellu jagħżel l-irħas. |
| 67.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-imwejjed u s-siġġijiet?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jitqiegħdu *studs* mal-pavimentar tan-naħa tal-baħar sabiex tinżamm ordni, tintbgħat ittra lir-ristoranti biex iġibu l-permessi neċessarji u jsir infurzar. |
| 67.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-*barrier* tal-Pjazza?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-*barrier* għandha titranġa u jibda l-proċess sabiex il-Kunsill japplika għall-permess ta' *camera*. |
| 67.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-katusa li saret fi Triq ix-Xerriek?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir katusa oħra mill-ħaddiema assenjati tal-Kunsill. |
| 67.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "*Reserved Parking Bay* tad-*Disabled* quddiem is- *Substation,* Triq l-Arznell?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir *Parking Bay* fi Triq l-Arżnell. |

| | |
|---|---|
| 67.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Bankina fi Triq Kunċizzjoni (parti tan-nofs) biex titnaddaf mit-terrapin?". Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha titnaddaf mill-ħaddiema assenjati tal-Kunsill. |
| 67.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Issir tip ta' *fence* biex il-klieb ma jidħlux fis-*Centre Strip* quddiem Pompei Self Service." Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ma għandux isir *fence* imma għandha titwaħħal tabella. |
| **67.5** | **Rapporti** |
| 67.5.1 | - Permezz ta' Ċirkulari Numru 3/2019 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bil-proċedura għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'telefonata mingħand NGO li tagħmel ġbir ta' skart mill-baħar fejn urew ix-xewqa li jiġu fil-lokalità ta' Marsaxlokk sabiex jagħmlu xi tindif u talbu wkoll permess ta' fejn jistgħu jitqiegħdu xi *skips*. Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsilliera li l-istess NGO tixtieq tiltaqa' mal-Kunsill rigward makkinarju li jnaddaf l-ilma baħar. L-NGO żiedet tgħid li dan il-makkinarju jiswa 6,000Eur u tħallas mill-MTA u spjeagt ukoll li l-istess Awtorità wriet ix-xewqa li jitqiegħed fil-lokalità ta' Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-NGO kif ukoll jingħata permess għal *skips* fis-*Slip Ways*.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 11 ta' Frar 2019 mibgħuta minn kuntrattur tal-ħut, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati b'rikjesta sabiex temporanjament jidħlu fil-bajja tal-Magħluq man-naħa ta' barra b'gaġeġġ tat-tonn biex isir ċertu xogħol. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jintalab parir mingħand l-Avukat qabel ma jingħata permess.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 21 ta' Jannar 2019 mibgħuta minn persuna li għandha *Gin and Tonic Mobile Bar*, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex jinħareġ permess biex il-persuna tarma fil-festa ta' Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera, is-Sur Daniel Zerafa flimkien mas-Sa Janice Chetcuti ma qablux ma' din il-proposta għar-raġuni li fil-festa tal-lokalità jkun hawn gabbani oħra. Żiedu wkoll li ma jsibux oġġezzjoni li l-persuna tagħmel rikjesta darb'oħra għal xi attività li jkun hemm f'Marsaxlokk. Is-Sur Steven Grech spjega li ma jaqbilx li għandhom jinħarġu dawn it-tip ta' permessi la fil-festa u lanqas f'attivitajiet oħra tal-lokal.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 5 ta' Frar 2019 mibgħuta mid-*Dental Public Health Unit* tal-Ministeru tas-Saħħa, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex jingħata permess nhar l-4 ta' Marzu 2019 biex jinġab il-*Mobile Dental Clinic* f'Marsaxlokk sabiex jigi offrut servizz ta' *Dental Screening* bla ħlas. Wara diskussjoni libera u vot unanimu, il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/00768/19, PA/00931/19, PA/07734/18, RG/05154/18, PA/00267/19, PA/00427/19, PA/00394/16, PA/11429/18, PA/00019/19, PA/00145/19, PA/00147/19, RG/05176/18.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija. |

| | |
|---|---|
| **67.6** | **Mozzjonijiet** |
| 67.6.1 | Ma kienx hemm. |
| *Il-ħin huwa s-18:00 u s-Sur Stephen Caruana irritorna għal-laqgħa tal-Kunsill.* | |
| **67.7** | **Sejħiet għall-Offerti** |
| 66.7.1 | - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li t-*tender* tal-*Public Conveniences* kien ġie evalwat u ippreżenta r-Rapport ta' Evalwazzjoni. Is-Sa Emma Vella spjegat kif il-*bidder* li kellu l-irħas *bid* kien ukoll *compliant Adminstratively, Financially* u *Technically*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti ġie deċiż li t-*tender* għandu jingħata lill-*bidder* li kellu kollox *compliant* u li kien l-irħas. |
| **67.8** | **Jum Marsaxlokk 2019** |
| 67.8.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li d-data ta' Jum Marsaxlokk 2019 ser tkun nhar il-Ħadd 28 t'April 2019. Is-Sa Emma Vella spjeagt li se jiġu mibgħuta ittri lill-Għaqdiet hekk kif sar fis-snin preċedenti. |
| **67.9** | **Laqgħa mal-Koperattivi tas-Sajjieda** |
| 67.9.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2019 kellha tinżamm laqgħa l-Binja tal-Kunsill Lokali flimkien mal-Koperattivi tas-Sajjieda u Project Plus sabiex tiġi diskussa l-Pjanta tal-Magħluq li tagħmel parti mill-Pjan ta' Riġenerazzjoni għal Marsaxlokk. Din il-laqgħa tħassret min-naħa ta' Project Plus. |
| **67.10** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 67.10.1 | Il-Viċi Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 2/19) għall-approvazzjoni. |
| 67.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana u issekondata mis-Sinjura Janice Chetcuti, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 67.10.3 | Il-Viċi Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Jannar għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **67.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 67.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-6:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2019 fl-4:00pm. |

Konfermati, illum 12 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _________________ | _________________ |
| Steven Grech | Emma Vella |
| Viċi Sindku | Segretarju Eżekuttiv |